MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Talba Numru. 1407/2010

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Dana Livia Lavric (ID 52062A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 Awissu 2011, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmien ewro u tnejn u erbghin centezmi (€708.42) ghar-ragunijiet msemmija fl-avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u tmien ewro u tnejn u erbghin centezmi (€708.42), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------